# KIF DAĦLET U SSAĦĦET ID-DEVOZZJONI LEJN IL-MADONNA TAL-KARMNU



Jingħataw diversi dati tal-miġja tal-Patrijiet Karmelitani f'Malta minn Sqallija, u li kienu ġew fuq talba tal-werrieta nobbli sinjura Margherita d'Aragona, armla tan-nobbli Ġakmu de Pellegrino. Min jgħid li dawn ġew madwar l-1200, oħrajn fl-1370 jew fl-1378 jew ukoll fl-1374. Huwa ċert li l-Patrijiet kienu hawn Malta fl-1418.

Fit-testment tagħha għand in-Nutar Antonio Azzopardi, in-nobbli sinjura Margherita d'Aragona fil-5 ta' Ġunju 1418, ħalliet il-knisja tal-Lunzjata, li qiegħda f'post barra mill-bini tar-Rabat ta' l-Imdina, imsejjaħ San Leonard jew aħjar tax-Xagħra. Ħalliet ukoll xi flus u xi bini għall-bżonnijiet kollha ta' dik il-Komunità Reliġjuża li kellha tieħu f'idejha l-knisja u wkoll tagħmel is-servizzi reliġjużi fiha.

Fit-testment ma tissemma l-ebda Komunità reliġjuża, li lilha xtaqet tħalli l-knisja tagħha tax-Xagħra, imma ħalliet f'idejn il-werrieta li jagħtu l-imsemmija knisja bl-obbligi u l-legati lil min iridu huma. Minħabba d-devozzjoni kbira li kellhom lejn il-Madonna tal-Karmnu u għax kienu jafu xi patrijiet Karmelitani, offrew il-knisja tal-Lunzjata bl-obbligi u l-legati li kienu fiha lil dawn ir-reliġjużi.

L-ewwel kunvent li kellhom il-Karmelitani kien dak tal-Belt Valletta, warajh tal-Birgu u wara dak tax-Xagħra, li kien l-ewwel kunvent formali li kellhom il-Karmelitani f'Malta.

Fl-1546 kellhom ikabbru dan il-kunvent minħabba n-numru ta' saċerdoti li kienu jgħammru fih, minħabba xi kjeriċi studenti u xi konversi.

Minn dan il-kunvent solitarju u rtirat tal-Lunzjata, il-patrijiet kienu joħorġu sew biex isemmgħu lin-nies il- kelma ta' Alla, kemm ukoll biex juru lill-Maltin il-preġju u l-vantaġġi l-iżjed kbar tal-Labtu Mqaddes li l-Verġni Santissima għoġobha tniżżlilna mis-sema. Il-ħidma tagħha kienet tħalli frott l-iżjed kbir.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna kibret, iżda d-devoti kienu jsibuha bi tqila minħabba l-bogħod u wkoll waqt il-maltempijiet u s-sħana tas-sajf. L-istess ħaġa minn naħa tal-patrijiet biex ikellmu lid-devoti tal-Labtu tal-Madonna.

Ħafna żgħażagħ li ngħaqdu fl-Ordni Karmelitan. Fost dawn insibu fuq quddiem liż-żelanti u mimli ħeġġa lil għaref Patri Ġwann Vella. Maż-żmien sar pirjol tal-Kunvent tal-Lunzjata u wara wkoll Vigarju tal-Provinċjal ta' Sqallija.

Meta bdiet tinbena l-Belt Valletta wara l-Assedju l-Kbir, Patri Ġwann kien minn ta'l-ewwel li talab biċċa art lill-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Fl-1570 ingħata biċċa art kbira fix-xaqliba tal-punent tal-Belt.



Sa mis-sena 1589 f'dokumenti antiki nsibu li diġà kien imwaqqaf it-Terz'Ordni tal-Madonna tal-Karmnu fil-Knisja tal-Belt. Ċertu Cassandra Rodolenda Terzjarja, fit-18 ta' Ottubru,1589 irregalat xbiha tal-Verġni Santissma. Dawn it-Terzjarji xi drabi kienu jissejħu wkoll Monjali jew biżokki.



Il-kwadru titulari tal-Knisja tal-Lunzjata.

It-Terz'Ordni kif inhu llum, twaqqaf f'Malta fis-sena 1884, bl-ewwel kitba fl-14 ta' Ġunju 1884, b'Patri Ġiljanu Calleja bħala l-ewwel Direttur Spiritwali.

Ix-Xirka hekk imsejħa tal-Bolla Sabbatina m'hijiex ħlief xirka tas-sufraġi għal dawk li huma miktuba diġà fil-Labtu tal-Madonna tal-Karmnu. Il-flus imħallsa jittieħdu kollha lura taħt forma ta' suffraġi għal ruħhom u sehem minn taħt quddies li jsir matul is-sena bid-dritt li jgawdu l-Indulġenza sew Plenarji u kemm dawk Parzjali.

Ix-Xirka tal-Bolla Sabbatina twaqqfet hawn Malta bil-ħila u t-tħabrik tar-Rev. P. Pirjol il-Majjistru Lorenzo Elija Ferrone.

F'diversi parroċċi, speċjalment dawk tal-patrijiet Karmelitani nsibu għadd sabiħ ta' konfraternitajiet tal-Madonna tal-Karmnu.

Mal-wasla tagħhom f'Malta l-ħsieb prinċipali tal-patrijiet Karmelitani kien li jferrxu ma' Malta kollha d-devozzjoni u l-imħabba lejn il-Madonna tal-Karmnu.

Mill-kunvent tal-Lunzjata qalb ir-raba' u milħuq b'diffikultà, il-patrijiet kienu jmorru fl-irħula u fl-ibliet ikellmu lill-poplu, jippriedkawlhom fuq Marija Santissma, fuq il-kobor tagħha u d-dinjità tagħha ta'Omm Alla. Ikellmuhom ukoll fuq il-Labtu Mqaddes li bi ħniena kbira għoġobha tniżżlilna mis-sema. Ikellmuhom fuq il-privilleġġi u l-vantaġġi tal-Labtu. F'qasir żmien malajr tferrxet id-devozzjoni lejn il-Madonna u lejn il-Labtu tal-Karmnu. Il-Maltin minnufih inġibdu lejn il-Karmelitani u kienu jisimgħu bil-pjaċir kollu ikellmuhom sew fuq il-Madonna u kif ukoll fuq il-Labtu.



Is-Sinjura Margerita d'Aragona
Fundatriċi tal-Lunzjata l-Qadima
Pittura li tinsab fuq l-antiporta tal-kunvent tal-Imdina.

Dan kien il-bidu tat-tferrix tad-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu f'Malta.

Il-Kavallieri ta' San Ġwann komplew saħħew u ferrxu d-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu. L-istorja tgħidilna li dan l-Ordni tal-Kavallieri twaqqaf minn reliġjuż Karmelitan.

Il-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann f'kull okkażjoni kienu jagħtu bosta kontribuzzjonijiet għall-bini tal-kunvent tal-Belt Valletta. Il-kavallieri ħallew bosta fondazzjonijiet b'turija tad-devozzjoni tagħhom lejn il-Madonna tal-Karmnu.

Sibna miktub li waqt il-ġbir li kien isir mill-patrijiet u ajki Karmelitani fl-irħula u fl-ibliet kienu jqassmuhom labtijiet jew xbihat tal-Madonna tal-Karmnu. B'dan il-mod kull belt u raħal



Il-Knisja tal-Lunzjata minn ġewwa.

ta' Malta, imħeġġa bid-devozzjoni lejn is-Sultana tal-Karmnu, f'qasir żmien ma kienx fadal persuna waħda f'Malta kollha li f'qalbha ma kinitx miżrugħa l-imħabba lejn il-Madonna tal-Karmnu u lejn il-Karmelitani.

Nistgħu ngħidu li kważi ma tinstabx parroċċa li fiha ma tarax l-altar tal-Madonna tal-Karmnu jew kwadru tagħha u għadd ta' kappelli mxerrdin ma' Malta u Għawdex ddedikati lill-Madonna tal-Karmnu.

Insemmu biss dik tal-Fawwara, il-Kappella tal-Karmnu ta' Ħal Tarxien, il-Knisja tal-Karmnu ta' Ħal Luqa, li nħattet matul il-gwerra minħabba l-attakki ta' l-arjuplani ta' l-għadu u li baqgħet ma nbnietx, il-knisja ta'San Pawl il-Baħar, ta' San Ġiljan, ta'Fleur-de-lys, tal-Fgura, tar-Rabat, tal-Belt Valletta eċċ.

Biex naraw sewwa kemm hija kbira f'Malta llum id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu, insemmu l-askrizzjonijiet fit-Terz'Ordni, fil-Bolla Sabbatina u fil-Labtu tal-Karmnu u l-għadd kbir ta' trabi li jiġu ppreżentati lill-Madonna u li jinkitbu fil-Labtu tal-Madonna tal-Karmnu.

F'Għawdex ukoll ma tonqosx id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu. Minbarra altari ddedikati lill-Verġni Santissima tal-Karmelu li jinsabu wkoll żewġ knejjes ddedikati lill-Madonna tal-Karmnu u dawn jinsabu fix-Xlendi u oħra fir-Rabat. Minbarra dan, ħafna huma l-miktubin fit-Terz'Ordni, fil-Bolla Sabbatina u fil-Labtu, kif ukoll għadd ta' niċeċ u statwi u triqat imsemmija ghall-Madonna tal-Karmnu.

Ma nistgħux ma nsemmux il-festi kbar ma' Malta u Għawdex fl-1951 meta ġie ċċelebrat is-Seba' Ċentinarju tad-Dehra tal-Madonna lil San Xmun Stock u li b' imħabba ta' Omm l-iżjed ħelwa tagħtu f'idejh il-Labtu Mqaddes tagħha.

**Tagħrif miġbur minn George J. Vella.**

***Tagħrif meħud mill-ktieb Is-Santwarju tal-Karmnu ta' P. Lawrenz M. Sammut, O.Carm - 1952.***



**Xbieha Mirakoluża tal-Madonna tal-Karmnu fil-Bażilika Santwarju tal-Karmnu - Valletta**

